MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru 979/2011

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)

vs

Niko Zammit
Marco Rapinett

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta numru ta' identita' 0170193M u 0127488M rispettivament, akkuzati talli fis-26 ta' Dicembru 2010 ghal habta tal-4:30 p.m. gewwa l-kumpless tal-Burger King li jinsab f'Misrah il-Helsien, Valletta:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta’ taghhom, u cioe’ attentat ta’ offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Gabriella Cassar;
2. ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Gabriella Cassar.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn jipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Gabriella Cassar u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema huma insistew anka wara li l-Qorti tathom opportunita’ jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati l-Qorti tiddikjara u ssib l-imputati hatja tal-akkuzi riportati kontra taghhom.

Semghet lill-parti leza.

Rat l-Artikoli 41, 216, 221(1) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali netta tal-imputati.

Issib l-imputati hatja. Tiddeciedi li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor f’perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Tapplika kontra l-imputati l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 li ma jkellmux jew jimmolestaw lill-parti leza.

Gabriella Cassar, b’dan li huma projbiti li jmorru l-Burger King tal-Belt fejn hi impjegata l-kwerelanta u dan ghal perjodu ta’ sena u taht penali ta’ €2,300 kull wiehed.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------